**TRIBUNAL INDUSTRIJALI**

**DECIZJONI PRELIMINARI NUMRU: 2474**

**Kaz Numru: 3509/JD**

**Fit-Tilwima tax-Xoghol**

**bejn:**

**Malta Union of Bank Employees (MUBE)**

**u**

**Bank of Valletta (BOV)**

**dwar: allegat nuqqas ta' effett skond il-Ligi lill-provvedimenti tal-Ftehim Kollettiv fir-rigward ta' trattament ta' impjegat, is-Sur Mario Farrugia.**

***Chairman*: Is-Sur Joseph Delia BA(Hons)(Econ), FIPD**
**Membri: Is-Sur Chris Attard, u s-Sinjura Antoinette Caruana**

**Nhar il-Hamis 4 ta' Mejju, 2017**

## Introduzzjoni

Din il-Kwistjoni tax-Xoghol giet riferita lit-Tribunal permezz ta' ittra datata 14 ta' Novembru 2016 mill-Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili biex jiddikjara li l-Bank of Valletta naqas milli jaghti effett skond il-Ligi lill-provvedimenti tal-Ftehim Kollettiv fir-rigward ta' trattament ta' impjegat taghhom, is-Sur Mario Farrugia, biex jordna u jiddetermina dawk il-passi li ghandhom jittiehdu u hlasijiet li ghandhom isiru mill-Bank biex jirrimedjaw il-pozizzjoni tal-impjegat ikkoncernat.

Is-Socjeta` Ntimata qajmet zewg eccezzjonijiet; it-tieni wahda hija subordinata ta' l-ewwel wahda.

Din id-Decizjoni tat-Tribunal tirrigwarda l-ewwel wahda.

Ir-riferenzi ghat-traskrizzjoni huma kollha ghal dik tas-seduta tad-9 ta' Marzu 2017 peress illi f'dik is-seduta instemghu x-xhieda kollha u t-trattazzjonijiet kollha dwar l-eccezzjoni.

## Rapprezentanza

Ghall-Union Rikorrenti, il-Malta Union Of Bank Employees, dehru l-Avukati Andrew Borg Cardona u Matthew Brincat, filwaqt illi ghall-Bank Intimat deher l-Avukat Ian Spiteri Bailey.

L-eccezzjoni preliminarja ewlenija hija dik li biha s-Socjeta` Ntimata kkontendiet l-illegittimita` tal-Union rikorrenti li toqghod fil-proceduri tal-Kaz u li tidher f'isem u fl-interess ta' l-hemmhekk imsemmi s-Sur Mario Farrugia peress illi l-istess Sur Farrugia huwa prezenti f'Malta u dan a tenur tal-Artiklu 78 (2) tal-Kap 452 tal-Ligijiet ta' Malta u ta' l-Artiklu 1866 tal-Kap 16 ta' l-istess Ligijiet.

**Provi**

Bhala provi s-Socjeta` Ntimata esibiet kopja ta' ittra datata 9 ta' Lulju 2014 mibghuta mill-Avukat Pawlu Lia ghan-nom tas-Sur Mario Farrugia lis-Sur Anthony Scicluna, Chief Officer Human Resources tal-Bank intimat, u l-ittra responsiva tad-19 ta' Awissu 2014 mibghuta mill-Avukat Ian Spiteri Bailey lis-Sur Farrugia.

Fis-seduta tad-9 ta' Marzu 2017, li fiha gew ipprezentati l-provi, inghataw it-testimonjanzi, u saru t-trattazzjonijiet taz-zewg partijiet tat-Tilwima, l-Avukat Spiteri Bailey, ghall-Bank Intimat, ghamel l-osservazzjoni li l-ittra (ta' l-Avukat Lia) tispicca billi tghid, "Mario Farrugia qieghed jirrizerva illi jiehu l-passi mehtiega skond il-Ligi biex jinghata dak li huwa dritt tieghu," u osserva wkoll illi, "Hawnhekk (fl-ittra ta' l –Avukat Lia) ma hawn xejn indikazzjoni illi l-Avukat qed jikteb ghan-nom tal-Union u ghan-nom tieghek (is-Sur Farrugia)." (pagna 4 tat-traskrizzjoni)

Ghal mistoqsija ta' l-Avukat Spiteri Bailey, waqt il-kontroezami, is-Sur Farrugia kkonferma li qabel l-ittra ta' l-Avukat Lia s-Sur Farrugia kien diga` dahal personalment f'korrispondenza privata mal-Bank dwar il-kwistjoni (tas-Sur Farrugia) u li, "kull pass li hadt jiena gol-Bank, korrispondenza, dejjem ghamiltha wara li tkellimt mal-MUBE (pagna 5 tat-traskrizzjoni)." Is-Sur Farrugia kkonferma wkoll illi l-ittra ta' l-Avukat Spiteri Bailey tad-19 ta' Awissu 2014 rrispondiet lis-Sur Farrugia personalment minghajr riferenza ghall-Union (pagna 5 tat-traskrizzjoni).

Min-naha taghha, bhala provi, l-Union Rikorrenti tellghet lis-Sinjuri Mario Farrugia u William Portelli biex jixhdu.

Is-Sur Farrugia xehed illi, "… mort ghand l-MUBE, … haduni ghand l-Avukat Pawlu Lia … gie mieghi William Portelli … ghax (l-Avukat) Pawlu Lia dik il-habta kien l-avukat ta' l-MUBE u b'hekk jigifieri harget dik l-ittra. Jigifieri jien mort ghand (l-Avukat) Pawlu Lia akkumpanjat mill-MUBE fuq parir ta' l-MUBE biex ktibna l-ittra tal-Kaz. … Jiena qatt ma hallastu (lill-Avukat Lia) u … ma ghandi l-ebda kont pendenti (mieghu) (pagna 3 tat-traskrizzjoni) … qatt ma qabbadt avukat jiena; dejjem bl-avukati tal-Union … dejjem *through* il-Union …" (pagna 4 tat-traskrizzjoni)

Is-Sur Portelli xehed illi, "Fiz-zmien illi nqala' fil-bidunett dan il-Kaz kont … President (ta' l-MUBE) (pagna 6 tat-traskrizzjoni).

Xehed ukoll illi, "Ir-relazzjoni taghna u kif nahdmu mal-klijent taghna li huwa l-membru taghna fejn jidhol l-avukat hemm zewg modi: il-mod li ahna nkunu prezenti mieghu u niddiskutu l-Kaz, li fil-fatt dik naghmluha specjalment fil-bidu biex nifthu l-Kaz. L-ohra wkoll li l-istess membru jkollu l-*leeway* li ahna stess anki nheggu li jkun hu stess li jkun ma' l-avukat anki jista' jiddiskuti mieghu. Wara li l-avukat jiehu azzjoni ahna nigu bbrifjati mill-avukat; ... ahna dejjem konna qed nigu bbrifjati u parti mill-*practice* taghna … kultant ahna stess noqoghdu kemm kemm lura pero` dejjem taht … l-umbrella taghna pero` fejn anki jistghu jsiru xi arrangamenti minhabba d-*dispute* li tista` ssolvi lilha nnifisha billi l-avukat stess jaghmel *approach* tieghu. F'dal Kaz kien hemm ragunijiet partikolari li l-avukat hassu li jista' anki jipprova, dejjem ibbrifjati ahna bhala MUBE, isir. Jigifieri ghadna nahdmu hekk sal-lum fil-fatt. Process normali. Nippruvaw ma neskalawx ghalxejn. Dik hi l-iskop ta' kif nahdmu ahna ma' l-avukati (pagna 6 tat-traskrizzjoni)."

Is-Sur Portelli ssokta, " Kien hemm *conciliation meetings* formali. Ftehmna li anki jmur wahdu jekk m'inix sejjer zball. Mar wahdu. … Ovvjament … zammejt kuntatt … mal-Bank …. biex nisma' l-verzjonijiet ovvjament bhala membru tieghi biex nara x'inhi l-pozizzjoni tal-Bank. Jidher illi ma kienx hemm ftehim u minn hemm imbaghad komplejna u wasalna ghal dal-istadju biex nipprezentaw il-Kaz lit-Tribunal. … Id-*deadlock* kien ejja ma nkomplux niccalingjaw lil xulxin … ghax kulhadd ha jzomm il-pozizzjoni tieghu. … Mela ejja nippruvaw forsi nsibu soluzzjoni barra. Anki l-Bank b'inizjattiva tieghu xtaqha. Jigifieri ahna tajnihielu. Jekk m'inix sejjer zball kien iz-zmien illi l-*Head of HR* kien gdid, … u ahna bhala … turija ta' fiducja tajna fil-fatt ic-cans lil Mario wkoll li … jiddiskuti mieghu wahdu. Hekk kienet il-pozizzjoni." (pagna 7 tat-traskrizzjoni)

Ghal mistoqsija ta' l-Avukat Spiteri Bailey, is-Sur Portelli xehed illi l-Union ipprezentat rikors permezz ta' ittra li, "… ntbaghtet … lill-Ministru," li bih bdew dawn il-proceduri. (pagni 7 u 8 tat-traskrizzjoni)

Ix-xiehda tas-Sur Portelli ssoktat tghid illi, "… jekk xi hadd ha jkellimni u jrid assistenza, l-ewwel haga li nghidulu huwa imxi skond il-procedura nterna, (li) … ttik illi inti tmur ghand il-Line Management; jekk ma tasalx hemmekk tiskala w titla'; ghandhom proceduri nterni; certissmu li l-Bank of Valletta ghandhom l-istess bhalma ghandhom banek ohra. Jekk ihossu mbaghad il-membru li ma jasalx nghidulu jekk irid l-assistenza jigi ghandna. … iva konxju li kien qed jipprova fil-bidu nett. … hallsu ahna r-*retainer* (lill-avukat) u ghan-nom taghna kien qed imur. … (l-Avukat Lia) mhux l-ewwel darba li ma jikkupjax … lill-Union koncernata. *He's not the only one* li jkun hemm ittri li mhux bilfors il-Union tkun ikkupjata dejjem." (pagna 8 tat-traskrizzjoni)

**Trattazzjonijiet**

L-Avukat Spiteri Bailey, f'isem il-BOV, spjega li l-"bazi ta' l-eccezzjoni li qed jaghti l-Bank tohrog mill-Artiklu 78 (2) tal-Kap 452, u l-Artiklu 1866 tal-Ligijiet ta' Malta." (pagna 9 tat-traskrizzjoni)

(L-Artiklu 78 (2) ighid:

" Il-każ għal kull parti fit-tilwima jista' jiġi ppreżentat mill-parti nnifisha li tista' tagħżel li tiġi rappreżentata jew mgħejjuna minn persuna jew persuni tal-fiduċja tagħha."

L-Artiklu 1866 tal-Kap 16 jezigi li :

"... il-mandatarju ma jistax joqgħod fil-kawża, bħala attur jew konvenut, fl-isem tal-mandant, għalkemm dan ikun tah din is-setgħa, meta l-mandant innifsu ma jkunx nieqes mill-gżira li fiha l-kawża għandha ssir ...")

L-Avukat Spiteri Bailey sostna li, "l-Union hawnhekk hija mandatarja tas-Sur Farrugia. … l-*issue* hija ta' persuna wahda – wiehed wahdu. Dan kellu *issue* ma' l-*employer* tieghu li tinkwadra fid-definizzjoni ta' disputa mal-principal tieghek, li seta' baqa' ghaddej biha kemm ried. Ghal xi raguni ghazel li jinvolvi l-Union, il-Union irregistrat tilwima u gejna hawnhekk in segwitu ghat-tilwima ndustrijali. Mela l-Bank kien u ghadu rinfaccjat b'zewg processi, proceduri, paralleli fuq l-istess mertu." (pagna 9 tat-traskrizzjoni)

L-Avukat Spiteri Bailey talab lit-Tribunal illi jaghti direzzjoni cara dwar jekk cirkostanzi bhal dawn ghandhomx jissussistu (pagna 9 tat-traskrizzjoni).

L-istess Avukat sab, "konfort … fid-decizjoni tat-Tribunal Industrijali … fil-Kaz numru 3396/KBC ta' l-24 ta' Frar 2017. … (Is-Socjeta` Ntimata) … qalet: mill-qari tar-rikors, mill-qari tad-dikjarazzjoni, mill-fatti anki inizjali illi ghandna quddiemna, hawnekk il-Union mhix qed tagixxi ghall-kollettivita`, ghall-korp shih tal-membri taghha, imma qieghda tidentifika n-nies li qed tagixxi ghan-nom taghhom ghax huma dawk in-nies biss illi ghandhom il-problema mal-Principal taghhom … u qalet imma allura la huma qeghdin Malta … It-Tribunal ikkonkluda illi bl-applikabbilta' tal-provvedimenti kkwotati f'din l-eccezzjoni mhix kwistjoni ta' disputa. Il-kawza f'dak il-Kaz it-Tribunal salvaha ghaliex inzerta li l-okkju kien UHM ghan-nom ta' … u allura estromettiet barra lill-Union *on the basis of the fact* illi t-Tribunal qal … proceduralment kellhom ikunu huma l-individwi illi jigu quddiem dan it-Tribunal…. Issa hawnhekk ghandna daqsxejn sitwazzjoni differenti fis-sens illi hawnhekk ghandi MUBE versus BOV. Ma ghandix MUBE *on behalf of* Mario Farrugia. … (Jiena) l-eccezzjoni tajtha ghaliex inghatat fi procedura ohra. … " (pagna 10 tat-traskrizzjoni).

"… Mario Farrugia … ghandu problema mal-Principal tieghu … (u allura) … kellu jkun hu li jressaq dawk il-lanjanzi quddiem it-Tribunal jekk hemm bzonn biex jiehu r-rimedju ghalih innifsu, ghax l-*issue* tieghu w l-*issue* tal-Union li qed jinkiser il-Ftehim Kollettiv, jekk inhu minnu, huma issues separati.

It-talbiet illi qed taghmel il-MUBE jordna lill-Bank ihallas lis-Sur Farrugia somma li tinghata lis-Sur Farrugia d-differenza bejn il-paga *etcetera*. … jordna lill-Bank biex ipoggi lis-Sur Farrugia fil-grad ta' Executive *etcetera*.

... l-MUBE setghet irregistrat it-tilwima kemm riedet u qalet illi ghandha tilwima ghax hemm ksur tal-Ftehim Kollettiv, imma l-mument illi rabtet intrinsikament il-pozizzjoni taghha mal-pozizzjoni unika w solitarja ta’ impjegat li *inoltre* kien diga` ressaq l-ilmenti tieghu personalment u *tramite* ahna nghidu l-Avukat tieghu, il-mument illi rabtithom intrinsikament hemmhekk qatlet l-azzjoni taghha u qed titlob issa lit-Tribunal jaghti rimedju mhux lill-Union illi qed tallega li hemm ksur. Qed titlob rimedju fil-konfront ta’ dak ir-ragel u din id-distinzjoni illi rridu naghmlu ghall-finijiet ta’ procedura. Ghalhekk … bl-applikabbilita` ta’ dawk l-Artikli li ccitajt jiena kellu jkun is-Sur Farrugia illi jaghmel it-talba quddiem it-Tribunal. … hawn ma gewx biex jitolbu lit-Tribunal jiddikjara li hemm ksur tal-Ftehim Kollettiv. Hawn gew jitolbu lit-Tribunal biex issir jekk jinstab illi hemm ingustizzja ma’ dak ir-ragel. Mela jressaqha dak ir-ragel.” (pagni 13 u 14 tat-traskrizzjoni)

L-Avukat Borg Cardona, f’isem l-MUBE, iddikjara li, “Il-Parti f’dan il-Kaz hija l-MUBE. Issa huwa ovvju illi korp legali ma jistax jaghmel xi haga fizika hu stess. Il-Kaz irid jigi pprezentat minn haddiehor fizikament. … Hija l-MUBE l-Parti fil-procedura mhux l-individwu affettwat mid-decizjoni … tal-Bank … Hija (l-MUBE) fl-interess tal-membri taghha li tagixxi pero` tagixxi wkoll fl-interess taghha stess. … L-MUBE, bhal kull Union, ovvjament tirrapprezenta l-interessi ta’ kull individwu membru taghha. Ma taghmilx dan biss f’livell kollettiv. Taghmlu wkoll f’livell individwu. U taghmlu fil-qafas tal- Ftehim Kollettiv illi hemm vigenti li f’dal Kaz kien sar ma’ l-MUBE pero` issa hu gestit minn Union ohra …. … l-MUBE jibqa’ ghandha l-interess illi dak miftiehem minnha jigi ezegwit min-naha l-ohra f’dak il-Ftehim. Il-Bank u l-Union, meta dahlu fi Ftehim … jorbtu lilhom infushom fuq zewg livelli: ma’ xulxin, kif ukoll il-Bank ma’ l-impjegati ndividwali. Hemm hafna *overlap*. … il-Unions jippruvaw jaccertaw ruhhom … fl-interess tal-principju illi Ftehim ta’ bejn il-Partijiet irid jigi rispettat. Dan huwa punt ta’ ordni pubbliku. Jekk jien ghamilt Ftehim Kollettiv, jien illi jien parti minnu ghandi dritt kwazi kwazi obbligu li nezigi li jigi rispettat. Issa jekk meta naghmel hekk inkun qieghed … naghti palata lil xi ndividwu, f’dal-Kaz is-Sur Farrugia, illi ghandu nteress aktar dirett illi jihu l-*promotion*, … l-*increment*, *whatever*, dak huwa beneficcju …. Il-Union ghandha ezistenza u funzjoni separata w distinta u guridikament, legalment distinta mill-membri ndividwali. … is-Sur Farrugia baqa’ jsostni li l-Union ghandha tiehu l-pozizzjoni taghha. Il-Union hadet il-pozizzjoni taghha … billi rregistrat tilwima, saru *conciliation meetings*, ippruvaw jizblukkaw is-sitwazzjoni, ma gietx zblokkata, u *ai termini* tal-(Kap) 452, talbu b’ittra lill-Ministru li ssir dit-Tilwima. Il-fatt … illi s-Sur Mario Farrugia prezenti fil-gurizdizzjoni hija ghal kollox immaterjali. Il-fatt illi se jiggwadanja s-Sur Farrugia forsi jekk l-MUBE jirnexxilha turi li kien hemm ksur da parti tal-Bank hija koincidentali. Pero` mhijiex legalment enforzabbli kontra l-interessi ta’ l-MUBE - isma missu pproceda hu.” (pagna 12 tat-traskrizzjoni)

“… jekk it-Tribunal ihoss illi ma ghandux jaghti rimedju ma jaghtihx. Jaghti dikjarazzjoni illi kien hemm ksur u mbaghad naghmlu kawza civili. Imma l-ekonomija tal-gudizzju mhux hekk titlob u ghalhekk ir-rikors huwa mpustat b’dak il-mod ….”(pagna 14 tat-traskrizzjoni)

**Kunsiderazzjonijiet**

1. Is-Sur Mario Farrugia kien membru tal-Union Rikorrenti – l-MUBE (pagna 3 tat-traskrizzjoni). Bhala membru ta' l-istess Union huwa rrikorra ghandha bl-ilment tieghu. L-Union taghtu parir biex huwa jipprova jsolvi l-ilment wahdu u jikteb lill-Bank f'ismu personali (" … kull pass illi hadt jiena gol-Bank, korrispondenza, dejjem ghamiltha wara li tkellimt mal-MUBE – pagna 5 tat-traskrizzjoni). Wara, qabbdet l-Avukat taghha biex ighin lis-Sur Farrugia. It-Tribunal iqis illi fl-istadju bikri li fih inkitbu u ntbaghtu l-ittri tas-Sur Farrugia u tal-Avukat Lia, rispettivament, lill-Bank, ir-rwol tal-Union kien wiehed ta' assistenza pprovduta lis-Sur Farrugia biex ikun rizolt l-ilment tieghu.

2. Il-Union hadet interess partikolari fil-Kaz tas-Sur Farrugia tant illi kien il-President tal-Union innifsu, is-Sur William Portelli, li akkumpanja lis-Sur Farrugia ghand l-Avukat taghha ("… haduni ghand Dr Pawlu Lia; fil-fatt gie mieghi William Portelli akkumpanjani …" – (pagna 3 tat-traskrizzjoni)
3. It-Tribunal huwa konvint mix-xhieda li sema' li l-Union qaghdet lura kemm setghet biex ma teskalax. Fil-Kaz tas-Sur Farrugia l-MUBE ma ghamlet xejn straordinarju; agixxiet skond kif tagixxi f'Kazi ohrajn "Jigifieri ghadna nahdmu hekk sal-lum fil-fatt. Process normali." ( William Portelli, pagna 6 tat-traskrizzjoni) Din hi attitudni li dat-Tribunal jappoggja – nuqqas ta' qbil bejn min ihaddem u l-impjegat ghandu jkun rizolt pozittivament fi stadju bikri tal-process ta' *grievance procedure*; certament, ma ghandhiex tigi dikjarata kwistjoni tax-xoghol qabel il-procedura nterna tar-rizoluzzjoni tal-ilmenti tkun ezawrita. Huwa mertu tat-*trade unions* Maltin li dil-attitudni tispikka, hlief f'certi Kazi. Dil-attitudni hija ta' importanza kritika ghall-istabbilta` fil-qasam tar-relazzjonijiet industrijali.
4. Peress illi ma ntlahaqx ftehim intern saru *conciliation meetings*. Dan jirrizulta wkoll mit-Talba datata 14 ta' Novembru 2016 li l-Ministru ghad-Djalogu Socjali, Affarijiet tal-Konsumatur u Libertajiet Civili ghamlet lit-Tribunal Industrijali biex tigi deciza t-tilwima.
5. Normalment tilwima tax-xoghol tkun dikjarata wara li kull tentattiv iehor minn min ihaddem u l-impjegat jew, f'Kaz illi l-impjegat jitlob lill-Union li j/tkun membru taghha, l-Union, biex ilment ikun rizolt ikun ezawrit. Hekk gara f'dal-Kaz (ix-xiehda tas-Sur Portelli).
6. Normalment ukoll, tilwima tax-xoghol ma ssirx fl-astratt, jew dwar xi kuncett ezoteriku, izda ssir fuq decizjoni/azzjoni, jew nuqqas ta' decizjoni/azzjoni, minn min ihaddem jew assocjazzjoni ta' min ihaddem, jew minn impjegat jew trade union. Tali decizjoni/azzjoni tkun qed tippregudika, fir-realta` jew fil-percezzjoni, xi nteress ta' xi parti mill-'protagonisti' msemmija. L-iskop ta' dikjarazzjoni ta' tilwima tax-xoghol huwa li jkun risanat tali nteress.

7. Allura, wara li l-proceduri nterni tal-Bank fallew il-Union iddikjarat tilwima tax-xoghol mal-Bank "… rigward rifjut da parti tal-istess Bank illi jittempera ruhu mal-provvedimenti tal-Ftehim Kollettiv applikabbli fir-rigward ta' trattament taghha lil Mario Farrugia …" (l-ittra datata 23 ta' Settembru 2016 li l-President tal-MUBE kiteb lill-Ministru Ghad-Djalogu Socjali), u wara li l-laqghat ta' konciljazzjoni fallew il-Union irreferiet lill-Ministru ghad-Djalogu Socjali.
8. Mix-xhieda li fela, it-Tribunal huwa sodisfatt illi ghall-Union il-Kaz tas-Sur Farrugia ikkostitwixxa ksur tal-Ftehim Kollettiv u ghaldaqstant iddecidiet illi hija ssir il-parti ewlenija aggravata fil-kwistjoni. It-Tribunal jifhem ukoll illi l-MUBE kkonsidrat il-Kaz b'aggravju specjali peress illi filwaqt illi l-Union illi tiggestixxi l-Ftehim hija wahda differenti mill-MUBE kienet l-MUBE li nnegozjat u lahqet qbil dwaru. U bhala principju fundamentali kemm fil-Ligi kif ukoll f'gieh il-*good practice* fir-relazzjonijiet industrijali, Ftehim Kollettiv huwa sagrosant.
9. Il-process kollu tal-Kaz tas-Sur Farrugia, ghall-MUBE sar Kaz ta' principju, u hija ddikjarat tilwima tax-xoghol, fejn allura l-'protagonista' saret il-Union u mhux aktar is-Sur Farrugia. Ir-riferiment tat-tilwima lill-Ministru sar mill-Union ghan-nom taghha stess. Is-Sur Farrugia ssemma bhala referenza ghall-Kaz specifiku li fih, fil-fehma tal-Union, inkiser il-Ftehim Kollettiv.
10. Ir-rapprezentant tal-Bank Intimat, l-Avukat Spiteri Bailey, talab lit-Tribunal jaghti direzzjoni dwar jekk ghandux jissussisti li jkun hemm zewg proceduri paralleli fuq l-istess mertu – procedura mmexxija minn Union u ohra minn impjegat. It-Tribunal ma jirrizultalux illi l-Kaz li huwa mistenni li jiddelibera dwaru jipprezenta tali sitwazzjoni. Il-procedura li ntuzat kienet wahda. L-ezekuzzjoni ta' procedura ta' lment ma tistax tinibixxi l-ezercizzju tal-jeddijiet ta' Union u ta' impjegat – u dan skond il-provvedimenti tal-Ligi Maltija, li maghha t-Tribunal huwa marbut. Matul il-progress tal-procedura li s-Sur Farrugia ha bil-ghajnuna tal-Union gara li minn rwol ta' ghajnuna l-Union assumiet rwol tal-parti aggravata; naturalment is-Sur Farrugia, li l-ilment tieghu kien il-motiv illi l-Union saret il-protagonista fl-ilment jibqa' l-affettwat ahhari bl-ezitu tat-Tilwima li l-Union ghandha mal-Bank. Ghalhekk, la ghat-Tribunal ma hemmx zewg proceduri fil-Kaz odjern, u peress illi t-Tribunal ma ghandux term of reference biex jaghti gudizzju fuq sitwazzjonijiet ipotetici mhux se jqis it-talba msemmija aktar 'il fuq f'dal-paragrafu.
11. Il-Bank, fis-sottomissjoni ta' l-eccezzjoni tieghu qal illi sab konfort fid-decizjoni tat-Tribunal Industrijali Kaz Numru 3396/KBC ta' l-24 ta' Frar 2017. It-Tribunal ma jaqbilx illi l-Kaz odjern huwa paragunabbli mal-Kaz 3396/KBC. Fil-Kaz ikkwotat l-Union koncernata, il-UHM, kienet iddikjarat hija stess illi kienet qed tagixxi f'isem haddiehor; anki l-okkju stess iddikjara li l-Union ma kenitx qed tidher f'isimha.
12. It-Tribunal huwa sodisfatt illi fil-Kaz odjern il-parti rikorrenti hija l-MUBE, li ghandha ezistenza separata u distinta kemm guridikament kif ukoll legalment, u ghalhekk fil-fehma tieghu l-Artiklu 78 (2) tal-Kap 452, kif ukoll l-Artiklu 1866 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta ma japplikawx.

**Decizjoni**

Dat-Tribunal Industrijali, wara li nnota l-provi, sama' x-xhieda guramentata, evalwa t-trattazzjonijiet tal-Partijiet, u ghamel il-kunsiderazzjonijiet tieghu, jiddeciedi li ma jilqax l-eccezzjoni tal-Bank Intimat, jikkonferma li l-MUBE hija r-Rikorrenti f'dal-proceduri u jordna l-prosegwiment tas-smiegh.

| | | |
|---|---|---|
| **(iffirmat)** | **(iffirmat)** | **(iffirmat)** |
| Joseph Delia | Antoinette Caruana | Christopher Attard |
| Chairman | Membru | Membru |

**VERA KOPJA**

**Graziella Spiteri**

**Ghas-Segretarju**